ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2018**

**L-GĦAXAR SENA** **L-ISTORJA (ĠENERALI)** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

**1. Poġġi dawn li ġejjin f'ordni kronoloġiku.**

| | |
|---|---|
| Ġie l-ewwel gvernatur Ingliż f'Malta. | |
| L-Ingliżi taw lil Malta l-liġi tal-Libell. | |
| Malta ngħatat Kostituzzjoni bi Gvern Responsabbli. | |
| Fl-Ewwel Gwerra Dinjija Malta ntużat bħala sptar. | |
| Fl-avveniment storiku tas-Sette Giugno mietu erbat irġiel Maltin. | |

**(Total: 5 marki)**

**2. Aqta' linja taħt il-frażi t-tajba li hemm fil-parentesi.**

2.1 L-Ingliżi għenu lill-Maltin fit-tkeċċija (tal-Kavallieri, tal-Franċiżi, tat-Taljani, tar-Russi).

2.2 Fl-1813, l-ewwel gvernatur Ingliż kien (Alexander Ball, Hilderbrand Oakes, Thomas Maitland, Patrick Keenan).

2.3 Fil-Kostituzzjoni tal-1849 għall-ewwel darba kien hemm Maltin (eletti, nominati, magħżula, nobbli) fil-Kunsill tal-Gvern.

2.4 Malta saret Repubblika fl-(1921, 1964, 1974, 1979).

2.5 Wara l-Ewwel Gwerra, il-prezz tal-ħobż f'Malta (għola bid-doppju, roħos, baqa' kif kien, naqas bin-nofs).

2.6 F'Marzu tal-1839, Malta kisbet (il-Libertà tal-Istampa, id-dritt tal-vot, il-Ħelsien, l-Indipendenza).

2.7 L-invenzjoni tal-ajruplan ġabet bidla fil-mod ta' kif jinbnew (il-fortizzi, il-karozzi, id-djar, it-toroq).

2.8 Fl-1940, Malta daħlet fil-gwerra meta (l-Italja, l-Ġermanja, r-Russja, Franza) ddikjarat gwerra kontra l-Gran Brittanja.

2.9 Fl-1836 ġiet Kummissjoni Rjali f'Malta li analizzat (id-difiża, iċ-ċittadinanza, l-edukazzjoni, ir-reliġjon).

2.10 Fl-1878 ġiet Kummissjoni Rjali li r-riżultat tagħha wassal għat-twaqqif (tal-partiti politiċi, tal-każini tal-banda, tal-edukazzjoni obbligatorja, tar-reliġjon Protestanta).

**(Total: 10 marki)**

**3. Imla l-vojt billi tuża TMIENJA minn dawn il-kelmiet.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| drenaġġ | ilma | pesta | kolera |
| deni rqiq | Temi Zammit | Fawwara | pasturizzat |
| Bidnija | malarja | Ugo Mifsud | influwenza |

Minħabba li ma kienx hawn sistema tad-____________________ u ____________________ nadif fid-djar, ċertu mard li jittieħed kien komuni ħafna. Pereżempju, mard bħall- ____________________ kien jiġi mill-ilma mniġġes. Kultant żmien kienet tfaqqa' epidemija tal-___________________, ħafna drabi tort ta' ġrieden li kienu jkunu mal-merkanzija li tasal Malta mil-Lvant. Marda oħra komuni kienet id-_______________________ li kienet tiġi mill-ħalib mhux ___________________ tan-nagħaġ u mogħoż. Kien Sir ___________________ li sab il-mod ta' kif din il-marda setgħet tiġi evitata. Kien imbagħad l-Akwedott tal-___________________ li wassal ilma fil-Kottonera.

**(Total: 8 marki)**

**4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors A.**
L-iskizz ta' Ġanni Vella, 1919

4.1 Sors A huwa sors primarju jew sors sekondarju? Agħti raġuni għaliex. (2)

_______________________________________________________________

4.2 Spjega x'kienet is-sitwazzjoni f'Malta wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. (2)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

4.3 X'għamlu l-politiċi Maltin biex jippruvaw itejbu s-sitwazzjoni? (2)

4.4 Iddeskrivi fi kliemek x'ġara dakinhar tas-Sette Giugno. (5)

4.5 Semmi żewġ miżuri immedjati li ħa l-Gvernatur Plumer biex jikkalma u jtejjeb is-sitwazzjoni. (2)

4.6 X'konsegwenza fit-tul kellha din il-ġrajja fuq l-istorja politika ta' Malta? (1)

**(Total: 14-il marka)**

**5. Ħares lejn is-sors imbagħad wieġeb id-domandi.**




**Sors B** - *Il-Gazzetti f'Malta wara li ksibna l-Liberta' tal-Istampa.*

5.1 Spjega xi tfisser il-frażi 'Libertà tal-Istampa'? (2)

5.2 Liema liġi introduċew l-Ingliżi biex jiddefendu mill-malafama? (1)

5.3 Mis-sors, sib żewġ eżempji ta' gazzetti li kienu ppubblikati b'dawn il-lingwi: (6)

| | | |
|---|---|---|
| Bl-Ingliż | | |
| Bit-Taljan | | |
| Bil-Malti | | |

5.4 Għaliex l-Ingliżi damu biex daħħlu f'Malta l-Libertà tal-Istampa? (3)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(Total: 12-il marka)**

**6. Aqra s-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Bejn l-1880 u l-1940 kien perjodu ta' diżgwid fl-istorja ta' Malta, l-aktar dwar liema lingwa kellha tkun l-lingwa uffiċjali ta' Malta. Dan id-diżgwid wassal għat-twaqqif tal-ewwel partiti politiċi f'Malta: ir-'Reform Party' u l-'Partito Anti Riformista'. Din il-kwistjoni kompliet tikkomplika ruħha meta daħal Gerald Strickland fl-istorja.

6.1 Għal liema kwistjoni qed jirreferi s-sors? ______________________ (1)

6.2 Dwar liema żewġ lingwi argumentaw iż-żewġ partiti? (2)

______________________ ______________________

6.3 Min kienu l-fundaturi taż-żewġ partiti msemmija fis-sors? (2)

Reform Party: ______________________________

Partito Anti Riformista: ______________________________

6.4 Kif kien involut Gerald Strickland f'din il-kwistjoni? (1)

______________________________________________

6.5 Kif intemmet din il-kwistjoni u liema minn dawn iż-żewġ lingwi saret waħda mil-lingwi uffiċjali? (2)

______________________________________________

**(Total: 8 marki)**

**7. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar id-difiża f'Malta.**

7.1 X'għamlu l-Ingliżi bil-fortifikazzjonijiet li sabu tal-Kavallieri f'Malta? (2)

______________________________________________

7.2.1 Xi bnew l-Ingliżi tul il-'Great Fault' ta' Malta? ______________________ (1)

7.2.2 Għal min huma msemmija? ________________________________________ (1)

7.2.3 Għaliex inbnew u x'kienu qed jipproteġu dawn il-fortifikazzjonijiet? (2)

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

7.3 Semmi fortifikazzjoni oħra mibnija mill-Ingliżi f'Malta. __________________ (2)

7.4 Meta tilfu l-importanzi tagħhom għad-difiża dawn il-fortizzi f'Malta? (2)

___________________________________________________________________

**(Total: 10 marki)**

**8. Ħares lejn l-istampi u wieġeb.**



**Sors C**



**Sors D**

8.1 Dawn il-binjiet juru żewġ (kappelli, knejjes, palazzi, katidrali) f'Malta. (1)

8.2 Dawn huma eżempji ta' arkitettura (ċivili, militari, moderna, Rinaxximentali). (1)

8.3 Sors C huwa bini ta' stil Neo-________________ u sors D huwa bini ta' stil Neo-________________. (2)

8.4 X'kienet ir-reazzjoni tal-Maltin għall-istil:

ta' Sors C? _____________________________________________________ (1)

ta' Sors D? _____________________________________________________ (1)

8.5 Minbarra l-binjiet li jidhru fis-sorsi t'hawn fuq, agħti eżempju ta' binja oħra f'Malta għal kull wieħed minn dawn l-istili:

Sors C: _________________________________________________________ (1)

Sors D: _________________________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

**9. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors E**

9.1 Min hu l-personaġġ storiku li qed jidher f'Sors E u ta' liema pajjiż kien dittatur? (2)

__________________________________________________________

9.2.1 Semmi żewġ pajjiżi Alleati fit-Tieni Gwerra Dinjija. (2)

__________________________ __________________________

9.2.2 Meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropa? (1936, 1939, 1941, 1945) (1)

9.3 Xi tħaffer taħt l-art sabiex il-Maltin jiddefendu ruħhom mill-attakki? (1)

__________________________________________________________

9.4 X'kienu l-'Victory Kitchens' u għaliex kienu meħtieġa fil-gwerra? (2)

__________________________________________________________

9.5 Semmi konsegwenza li kellha din il-gwerra fuq Malta. (2)

__________________________________________________________

**(Total: 10 marki)**

**10. Ikteb fit-tul fuq waħda minn dawn it-temi li ġejjin.**

10.1. Qabbel l-emigrazzjoni minn Malta fis-seklu 19 ma' dik fis-seklu 20. X'effetti pożittivi u negattivi kellha l-emigrazzjoni fuq Malta?

10.2 X'kienet ir-Rivoluzzjoni Industrijali? X'bidliet ġabet din ir-Rivoluzzjoni?

10.3 Iddiskuti dwar il-mezzi ta' trasport pubbliku li daħlu f'Malta fis-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu 20.

**(Total: 15-il marka)**

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________